MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2010

Rikors Numru. 26/1998/1

**Joseph, Peter Paul, Carmelo, Andrea, John, Teresa mart Alfred Farrugia, u Cristina xebba f'isimha proprju u bhala prokuratrici tal-imsiefra Helen marty Godfrey Beeby u Marin mart Ronald Rowe u bhala kuratrici ta' ohtha inkapacitata Maria Concetta, lkoll ahwa Camilleri.**

**vs**

**Nardu Ellul (u b'digriet tal-Bord tat-30 ta' Marzu 2004 wara l-mewt tal-intimat, l-atti kienu trasfuzi f'isem Grace arma minn Nardu Ellul f'isimha proprju u bhala uzufruttwarja tal-mejjet zewggha, Anne mart Paul Balzan, Joseph, Anthony, Mario u Carmelo lkoll ahwa Ellul saret it-trasfuzzjoni tal-atti f'isem Grace armla minn Nardu Ellul.**

Il-Bord

Ra r-rikors promotorju:

Illi l-esponenti jikru lill-intimat l-ghalqa mlaqqma ‘Ta’ Loretu’ limiti Gudja versu l-qbiela ta’ zewg liri Maltin (Lm2) fis-sena li jithallas kull Santa Marija bil-quddiem, l-ahhar skadenza ghalqet fil-15 t’Awissu 1998.

Illi l-ghalqa de quo mhux fonti importanti ghall-ghejxien tal-intimat.

Illi inoltre l-esponenti jehtiegu din l-ghalqa ghas-sostenn u bzonn ta’ ohthom inkapacitata r-rikorrenti Maria Concetta Camilleri,

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu pussess ta’ din l-ghalqa u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat salv kull dritt ta’ kumpens ghall-benefikati talvolta dovut lill-intimat.

Bl-ispejjes.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat li tghid hekk:

Illi l-ghalqa msemmija hija mezz ta’ ghejxien tal-esponent kif hekk ilha ghal aktar minn tletin sena, kuntrarjament ghal dak imsemmi fir-rikors.

Illi di piu’, mhux minnu li r-rikorrenti jehtiegu l-ghalqa ghall-ghejxien taghhom.

Ghaldaqstant l-intimat jissottometti illi r-rikors odjern ghandu jigi michud bl-ispejjes kontra r-rikorrenti.

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi li kieku l-Bord kellu, fl-iqsar termini possibli, jaghmel sintesi tar-raguni ghaliex ir-rikorrenti iridu ir-ripresa tar-raba u x-xhieda minnhom vantata kienet tkun is-segwenti:

Ir-rikorrenti qed jitolbu ghar-ripresa ta’ cirka tomna u nofs raba sabiex ikunu jistghu jghinu lil ohthom inkapacitata. Minkejja li kollha hlief wiehed mid-disa jahdmu fir-raba, l-intimati kollha hlief wiehed ghandhom xoghol fiss u ghalhekk l-introjtu minn dan ir-raba’ li jammonta ghal cirka Euro 186 (LM80) fis-sena jista’ jkun ta’ beneficcju ghall-ghixien ta’ din l-oht. Dan hu dak kollu li jista’ fi ftit kliem johrog minn process li ilu pendenti tul dawn l-ahhar tnax-il sena.

Ir-rikorrenti kollha, hlief wiehed minnhom li ma jahdimx u ohthom inkapacitata, xehedu illi huma jahdmu fir-raba’ u ghandhom bzonn ir-raba’ tal-intimat sabiex jiehdu hsieb lill-huthom l-ohra u lill-ohthom. Raguni interessanti din ghaliex hadd mir-rikorrenti ma zvela kemm ghandhom raba u kemm hu l-introjtu taghhom. Haga din, li hija ferm elimentari u necessarja f’kawzi ta’ din in-natura sabiex il-Bord ikun jista’ jaghmel paragun bejn id-dhul tal-partijiet u jiddeciedi jekk verament ir-rikorrenti ghandhomx bzonn tar-raba’ jew le. Ir-rikorrenti izda ghazlu li jitolbu dikjarazzjonijiet u rendikonti minghand l-intimat li ma kellu ebda ezistazzjoni biex ikun adempjenti ma din ir-rikjesta. Mix-xhieda w d-dokumenti vantati jemergi illi l-intimat ghandu dhul ta’ cirka tnenin lira maltin fis-sena minn din it-tomna u nofs raba u dan huwa konsonanti mal-proprozjon ta’ raba’ baghli skond kawzi ohra pendenti quddiem dan il-Bord. Minn konsiderazzjoni purament fattwali dan ir-rikors hu destinat li jfalli ghaliex r-rikorrenti ma ghandhom ebda raguni biex jitolbu dan ir-raba. Konkordi mal-gurisprudenza, l-Bord ghandu jezamina u jiddeciedi fuq tlett punti kardinali. Biex is-sid jirnexxi fl-azzjoni, huwa jrid fl-ewwel lok jissodisfa lill-Bord illi r-raba jridu biex jahdmu personalment hu jew xi membru tal-familja tieghu ghal perjodu ta’ mhux anqas minn erba’ snin. Ara fir-rigward **Joseph Aquilina vs George Camilleri App 26.10.1983**. Minn dak fuq espost, huwa evidenti li r-rikorrenti ma ressqu ebda raguni valida li tista’ b’xi mod tissodisfa lill-Bord dwar dan.

Konkordi ukoll mal-insenjament li jemergi mill-gurisprudenza, li kieku l-ewwel rekwizit kellu jkun accettat, meta wiehed iqis is-sitwazzjoni tar-rikorrenti b’paragun ma

dik tal-intimat u s-successuri tieghu, iz-zewg partijiet qeghdin fl-istess keffa u ma kienet vantata ebda raguni plawsibbli kif dan ir-raba se jkun ta' soljev lir-rikorrenti biex jghinu lil ohtom inkapacitata billi jtuha tmenin lira jew mija sitta u tmenin ewro fis-sena provenjenti minn dan ir-raba. Ir-rikorrenti ttentaw joskuraw il-qaghda tal-intimat billi jghidu li ir-raba huwa zdingat u mhux mahdum u li dan beda jinhadem wara li kienet intavolata l-kawza. Minkejja li dan ma kellu l-ebda irbit mal-premessi tar-rikorrenti, dan kien kollu newtralizzat b'xhieda anke estraneja mressqa mill-intimati.

Il-Bord ma jara ebda raguni ghaliex ghandu jilqa t-talba tar-rikorrenti u ghalhekk qed jichad l-istess bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------